MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 369/2011

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

<u>DIKJARAZZJONI</u>

1. Illi l-partijiet mhumiex mizzewgin izda mir-relazzjoni ta’ bejniethom huma kellhom zewgt itfal u cioe’ L B (li twieled fid-29 ta’ Lulju 2003) (Dok A) u MB (li twieldet fit-30 ta’ Ottubru 2004) (Dok B) ;
2. Illi b’sentenza moghtija fl-4 ta’ Dicembru 2009 fil-kawza ‘C D vs A B’, din il-Qorti ddecidiet il-kwistjonijiet li qamu bejn il-partijiet dwar kura u kustodja, access u manteniment fir-rigward tal-imsemmija tfal (Dok C) liema sentenza nghatat wara nota konguntiva tal-istess partijiet ;
3. Illi ricentement inqala l-bzonn li t-tifel L jittiehed ghand psikologa ghaliex kien qed juri ruhu mdejjaq dwar kif kien qed jigi trattat minn ommu u l-genituri taghha u l-psikologa kienet irrakkomandat li jista’ jiswielu ta’ gid li kieku jibda jorqod kultant ma l-esponent flimkien mat-tifla l-minuri l-ohra ;
4. Illi l-konvenuta ghall-ewwel qablet mas-suggeriment u l-esponent qalilha biex tali arrangament isir bil-miktub peress li kien ser ivarja l-modalita ta’ access stabbilit bis-sentenza fuq imsemmija ;
5. Illi b’ittra datata 18 ta’ April 2011 (Dok D), l-avukat tal-esponent kiteb lill-konvenuta sabiex issir l-emenda ghall-access tat-tfal minuri fis-sens li darba kull gimghatejn, it-tfal minuri jmorru jorqdu ma missierhom bejn is-Sibt u l-Hadd ;
6. Illi l-konvenuta pero la wiegbet ghal din l-ittra u lanqas attendiet ghall-medjazzjoni li l-esponent gie kostrett li jipproponi (Dok E) u ghalhekk gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna ;

<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>

Illi mir-relazzjoni li kellhom il-partijiet, huma kellhom zewgt itfal u cioe L B (li twieled fid-29 ta’ Lulju 2003) (Dok A) u MB (li twieldet fit-30 ta’ Ottubru 2004) (Dok B) ;

Illi b’sentenza moghtija fl-4 ta’ Dicembru 2009 fil-kawza ‘C D vs A B’ din il-Qorti ddeciediet il-kwistjonijiet li qamu bejn il-partijiet dwar kura u kustodja, access u manteniment fir-rigward tal-imsemmija tfal (Dok C) liema sentenza nghatat wara nota konguntiva tal-istess partijiet ;

Illi nqalghu cirkostanzi wara l-imsemmija sentenza fejn jehtieg li, fl-ahjar interess tat-tfal minuri, il-modalita ta’ access favur l-attur jigi emendat billi l-istess tfal ikunu jistghu anke jorqdu ma’ l-attur ;

Illi, ghalkemm il-konvenuta qablet verbalment, hija pero’ rrifjutat bla raguni valida li sija taghmel ftehim bil-miktub dwar tali arrangament u sija li tattwah ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

Tordna lill-konvenuta sabiex fl-ahjar interess tat-tfal minuri tal-partijiet u b’varjazzjoni tal-modalita ta’ access stabbilit fis-sentenza moghtija fl-4 ta’ Dicembru 2009  fil-kawza bejn il-partijiet fuq imsemmija, tghaddi l-imsemmija tfal minuri lill-attur sabiex jorqdu mieghu b’mod regolari matul il-weekends b’fissazzjoni ta’ hinijiet godda ta’ access ghal tali skop;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza;
2. Illi din il-kawza kif proposta hi ghal kollox vessatorja u dana stante illi il-mertu gia gie ampjament ezawrit fil-kawza fl-ismijiet inversi deciza f’Dicembru 2009;
3. Illi dwar it-talba ta’ l-attur michuda u dana ghaliex ma hemm ebda cirkostanzi godda kif ser jirrizulta waqt is-smigh u it-trattazzjoni ta’

din il-kawza li jimmeritaw varjazzjoni fil-modalita ta' access stabbilit fis-sentenza sureferita;
4. Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza li permezz taghha r-rikorrent qed jitlob li tigi varjata s-sentenza moghtija nhar id-9 ta' Dicembru 2009 bejn il-partijiet b'dan li l-access stabbilit fl-istess sentenza ikun jinkludi *sleepover* fil-*weekends* b'fissazzjoni ta' hinijiet godda tal-access ghal tali skop.

Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz il-verbal tat-18 ta' Lulju 2014, fejn ir-rikorrent talab li l-access fil-weekend isir minflok mis-Sibt fis-6.00pm sal-ghada l-Hadd fl-4.00pm b'zieda mal-access kif inhu stabbilit, liema talba giet milqugha fl-istess seduta[1] u wara li rat il-verbal tat-3 ta' Dicembru 2014[2] fejn l-istess rikorrent talab li tali access jigi rifless f'sentenza b'dan li l-konsulenti legali tal-intimata prezenti m'oggezzjonawx ghal tali talba *purche* t-tfal ma jorqdux f'kamra li hemm f'ghalqa li tappartjeni lill-familjari tar-rikorrent izda jorqdu mal-istess attur, il-Qorti ma tarax m'ghandhiex tilqa' tali talba, anke abbazi tal-fatt li jidher

[1] Ara a fol 84 tal-process
[2] Ara a fol 85 tal-process

li minkejja li l-kawza hija fi stadju avvanzat, il-partijiet minflok ma resqu ghal kuntratt bonarju bejniethom riedu li tali ftehim jigi inkorporat f'sentenza. Il-mertu tal-kawza odjerna huwa fil-fatt zieda fl-access b'dan li jkun hemm *sleepover,* liema mertu jidher li huwa ezawrit bil-ftehim milhuq fis-seduti hawn imsemmija, li naturalment allura jbiddlu l-andament ta' kollox b'dan li l-Qorti ma thossx li jkun opportun li tidhol fl-eccezzjonijiet imressqa mill-intimata jew jekk tali talba ghandhiex tintlaqa' jew le. Dan qieghed jinghad *stante* li mill-provi ma jirrizulta xejn li jista' jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-minuri jistghu b'xi mod ikunu pregudikati b'dan il-ftehim. Anzi pjuttost jirrizulta bil-kontra, fis-sens li l-minuri wrew ix-xewqa, (ghall-anqas il-minuri L) li jkollhom *sleepover* ma' missierhom.

Il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza specjalment ix-xiehda tal-intimata[3], fejn iddikjarat li ghaliha ma taghmel ebda differenza jekk il-minuri jorqdux ma' missierhom jew le (li l-Qorti tinterpreta bhala nuqqas ta' oggezzjoni oggettiva ghal *sleepover*) izda l-oggezzjoni taghha originali kienet dik li l-minuri (dejjem skond hi) ma xtaqux jaghmlu *sleepover* ma' missierhom ghax huma mdorrijin maghha, ma tarax ghaliex l-access m'ghandux jigi modifikat biex jinkludi *sleepover* ghaliex m'hemm xejn xi jwaqqaf dan milli jsir. Il-minuri huma imdorrija f'rutina fejn ikunu m'ommhom pero' l-fatt li jibdew jorqdu wkoll ghand missierhom huwa ta' beneficcju ghar-relazzjoni taghhom ma' missierhom. Dan qed jinghad aktar u aktar abbazi tax-xiehda ta' Dr. Vella[4] fejn tirrapporta li l-minuri riedu jorqdu ma' missierhom fejn tghid ukoll li l-minuri L ried iqatta' aktar hin ma' missieru u din kienet ir-raguni ghaliex xtaq li jkun hemm *sleepover*.

Dwar il-kap tal-ispejjez, il-Qorti tara li jidher li l-intimata damet tinnega lir-rikorrent milli jkollu *sleepover* sa' l-ahhar tal-proceduri. L-agir taghha xejn ma ghen biex il-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju, specjalment minhabba l-fatt li mix-xiehda tal-istess intimata jirrizulta li lanqas biss kienet attendiet ghas-seduti ta' medjazzjoni. Kwistjoni ta' *sleepover* minghajr ma hemm kwistjonijiet oggettivi ghaliex missier ghandu jkun negat tali

[3] Datata t-3 ta' Dicembru 2014
[4] Ara a fol 56 tal-process

dritt setghet facilment tigi survolata li kieku l-intimata ghamlet ftit sforz. Izda kif jirrizulta mix-xiehda taghha stess, jidher li baqghet tirrifjuta sal-ahhar sa’ ma hasset li ma setghetx tkompli tghid le. Dan l-agir iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li r-rikorrent ma kellu ebda ghazla hlief li jipprocedi bil-kawza odjerna u tali agir huwa imputabbli biss lill-intimata.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------